

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2018/46**tal-20 ta' Ottubru 2017****li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali u fil-baħar fond fl-ilmijiet tal-Majjistral għas-sena 2018**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2013 dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1954/2003 u (KE) Nru 1224/2009 u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 u (KE) Nru 639/2004 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2004/585/KE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikoli 15(6) u 18(1) u (3) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu l-għan li jelimina progressivament il-qbid skartat fis-sajd kollu tal-Unjoni bl-introduzzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art għall-qabdiet ta' speċijiet li huma soġġetti għal-limiti ta' qbid.
- (2) Sabiex jiġi implimentat l-obbligu ta' ħatt l-art, l-Artikolu 15(6) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tadotta l-pjanijiet għall-iskartar permezz ta' att delegat għal perjodu ta' mhux iżjed minn tliet snin abbażi tar-rakkomandazzjonijiet konġunti żviluppati mill-Istati Membri b'konsultazzjoni mal-Kunsilli Konsultattivi rilevanti.
- (3) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2375 ⁽²⁾, stabbilixxa pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Majjistral għall-perjodu 2016-2018, wara rakkomandazzjoni konġunta ppreżentata mill-Belġju, l-Irlanda, Spanja, Franza, in-Netherlands u r-Renju Unit fl-2016.
- (4) Il-Belġju, l-Irlanda, Spanja, Franza, in-Netherlands u r-Renju Unit għandhom interess ta' ġestjoni dirett tas-sajd fl-ilmijiet tal-Majjistral. Wara li kkonsultaw lill-Kunsill Konsultattiv għall-Ilmijiet tal-Majjistral, fil-31 ta' Mejju 2017 daww l-Istati Membri ressqu rakkomandazzjoni konġunta ġdida lill-Kummissjoni dwar pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali u fil-baħar fond fl-ilmijiet tal-Majjistral għas-sena 2018. Inkiseb kontribut xjentifiku mill-korpi xjentifiċi rilevanti u rivedut mill-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) ⁽³⁾. Il-miżuri ssuġġeriti fir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida huma konformi mal-Artikolu 18(3) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 u għalhekk jistgħu jiġu inklużi f'dan ir-Regolament.
- (5) Skont l-Artikolu 15(1)(c) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, l-obbligu ta' ħatt l-art japplika fl-ilmijiet tal-Majjistral, sal-aktar tard mill-1 ta' Jannar 2016, għall-ispeċijiet li jiddefinixxu s-sajd li huma soġġetti għal-limiti ta' qbid. Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida tispjefika l-flotot li jridu jikkonformaw mal-obbligu ta' ħatt l-art fis-sajd imħallat għall-merluzz, il-merluzz tal-linja sewda, il-merlangu u l-pollakkju iswed; fis-sajd għall-iskampu, fis-sajd imħallat għal-lingwata komuni u għall-barbun tat-tbajja' u fis-sajd għall-merluzz, il-megrim u l-pollakkju.
- (6) F'konformità mar-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida, minbarra s-sajd speċifikat fir-Regolament Delegat (UE) 2016/2375, (jiġifieri s-sajd imħallat ħafna għall-merluzz, il-merluzz tal-linja sewda, il-merlangu u l-pollakkju iswed, is-sajd għall-iskampu, is-sajd imħallat għal-lingwata komuni u għall-barbun tat-tbajja' u s-sajd għall-merluzz, il-megrim u l-pollakkju), jenħtieġ li l-pjan għall-iskartar għas-sena 2018 ikopri s-sajd għall-pollakkju iswed fid-diviżjonijiet VI u Vb, u VII tal-ICES. L-ispeċijiet tal-qabdiet aċċessorji wkoll jenħtieġ li jkunu koperti f'ċertu sajd.
- (7) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-ġdida tissuġġerixxi wkoll li l-obbligu ta' ħatt l-art jiġi applikat mill-2018 għas-sajd fil-baħar fond bl-użu tax-xbieki tat-tarkir u t-tartaruni għall-qbid taċ-ċinturini iswed, il-linarda u l-grenadieri fis-subżoni VI tal-ICES u fid-diviżjoni Vb tal-ICES.

⁽¹⁾ ĠUL 352, 12.10.2016, p. 39.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2438 tat-12 ta' Ottubru 2015 stabbilixxa pjan tar-rimi għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Majjistral għall-perjodu (2016-2018) (ĠU L 336, 23.12.2015, p. 29), u tħassar u ġie sostitwit bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2375 tat-12 ta' Ottubru 2016 li jistabbilixxi pjan għall-iskartar għal ċertu sajd demersali fl-ilmijiet tal-Majjistral għall-perjodu 2016-2018 (ĠUL 352, 23.12.2016, p. 39)

⁽³⁾ 2017-07_STECF PLEN 17-02_JRCxxx.pdf

- (8) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-għdida tissuġġerixxi, għas-sena 2018, eżenzjoni ta' sopravivenza, kif imsemmi fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għall-iskampu maqbud f'nases, fi xbieki tat-tidwir u f'nases tal-gambli fid-diviżjoni VI u s-subżona VII tal-ICES, filwaqt li tqis il-karatteristiki tal-apparat, tal-prattiki tas-sajd u tal-ekosistema. L-STEFC ikkonkluda li l-eżenzjoni hija għustifikata. Għalhekk, jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tiġi inkluża fil-pjan għall-iskartar għall-2018.
- (9) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-għdida tissuġġerixxi, għas-sena 2018, eżenzjoni ta' sopravivenza, kif imsemmi fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, għal-lingwata komuni taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni maqbudin minn xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti ta' 80-99 mm fid-diviżjoni VIId tal-ICES sa sitt mili nawtiċi mill-kosta u barra ż-żoni tat-tkabbir identifikati. L-STEFC innota li jenħtieġ li jiġu definiti ż-żoni ta' tkabbir imsemmijin fir-Regolament. Għalhekk, jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tiġi inkluża fil-pjan għall-iskartar għall-2018 bil-kundizzjoni li l-Istati Membri kkonċernati jwettqu provi addizzjonali u jipprovdu l-informazzjoni dwar il-post taż-żoni tat-tkabbir.
- (10) Ir-rakkomandazzjoni konġunta l-għdida tissuġġerixxi, għas-sena 2018, seba' eżenzjonijiet *de minimis* mill-obbligu ta' ħatt l-art għal ċertu sajd u sa ċerti livelli. L-evidenza mogħtija mill-Istati Membri għet riveduta mill-STEFC, li kkonkluda li r-rakkomandazzjoni konġunta kienet tinkludi argumenti raġunati li huwa diffiċli li jinkiseb aktar titjib fis-selettività u/jew argumenti relatati ma' spejjeż sproporzjonati fl-immaniġġar ta' qabdiet mhux mixtieqa, appoġġati f'xi każijiet minn valutazzjoni kwalitattiva tal-ispejjeż. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' informazzjoni xjentifika differenti, huwa xieraq li dawn l-eżenzjonijiet *de minimis* jiġu inklużi fil-pjan għall-iskartar għall-2018 skont il-perċentwali proposti fir-rakkomandazzjoni konġunta u f'livelli li ma jaqbżux daww permissi skont l-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013.
- (11) L-eżenzjoni *de minimis* issuġġerita għall-merlangu, sa massimu ta' 6 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi bil-bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir u tartaruni tal-qieġh ta' inqas minn 100 mm u xbieki tat-tkarkir pelaġiku biex jaqbd u l-merlangu fid-diviżjonijiet VIId u VIIE tal-ICES, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li tiżdied is-selettività.
- (12) L-eżenzjoni *de minimis* issuġġerita għall-merlangu, sa massimu ta' 6 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi bil-bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir u tartaruni tal-qieġh ta' mhux inqas minn 100 mm biex jaqbd u l-merlangu fid-diviżjonijiet VIIE – VIIF tal-ICES, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li tiżdied is-selettività.
- (13) L-eżenzjoni *de minimis* issuġġerita għall-merlangu, sa massimu ta' 6 % fl-2018 tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi bil-bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir u tartaruni tal-qieġh ta' inqas minn 100 mm biex jaqbd u l-merlangu fis-subżona VII tal-ICES (esklużi VIIA, VIId u VIIE), hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li tiżdied is-selettività.
- (14) Rigward daww it-tliet eżenzjonijiet *de minimis* issuġġeriti għall-merlangu, ir-Regolament Delegat (UE) 2016/2375 kien jeħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jippreżentaw lill-Kummissjoni aktar informazzjoni xjentifika li tappoġġa l-eżenzjonijiet. L-STEFC ikkummenta li, għalkemm għadha meħtieġa evidenza kompluta, l-informazzjoni addizzjonali mressqa tindirizza ċertu tħassib tal-STEFC. L-STEFC enfasizza l-ħtieġa għal approċċ aktar koerenti rigward dan l-istokk. Abbażi tal-evidenza xjentifika eżaminata mill-STEFC u minħabba li kien hemm titjib fl-evidenza li tappoġġa l-eżenzjoni, jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tiġi inkluża fil-pjan għall-iskartar għall-2018.
- (15) L-eżenzjoni *de minimis* issuġġerita għall-iskampu, sa massimu ta' 6 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi bil-bastimenti li qed jistadu għall-iskampu fis-subżona VII tal-ICES, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li tiżdied is-selettività. L-STEFC ikkonkluda li l-eżenzjoni hija għustifikata. Għaldaqstant, jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tiġi inkluża fil-pjan għall-iskartar għall-2018.
- (16) L-eżenzjoni *de minimis* issuġġerita għall-iskampu, sa massimu ta' 2 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi bil-bastimenti li qed jistadu għall-iskampu fis-subżona VI tal-ICES, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li tiżdied is-selettività u hemm informazzjoni kwantitattiva ta' sostenn dwar l-ispejjeż sproporzjonati għall-immaniġġar tal-qabdiet mhux mixtieqa. L-STEFC ikkonkluda li l-eżenzjoni hija għustifikata. Għalhekk, jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tiġi inkluża fil-pjan għall-iskartar għall-2018.
- (17) L-eżenzjoni *de minimis* issuġġerita għal-lingwata komuni, sa massimu ta' 3 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' din l-ispeċi bil-bastimenti li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu b'daqs tal-malja ta' bejn 80 u 199 mm b'selettività miżjuda fid-diviżjonijiet VIId, VIIE, VIIF u VIIG u VIIE tal-ICES, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li tiżdied is-selettività. L-STEFC innota li l-eżenzjoni hija maħsuba biex tikkompensa għall-użu ta' rkaptu aktar selettiv u biex tkopri l-qbid skartat residwu. Għalhekk, jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tiġi inkluża fil-pjan għall-iskartar għall-2018.

- (18) L-eżenzjoni *de minimis* issuġġerita għal-lingwata komuni, sa massimu ta' 3 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi bil-bastimenti li jużaw pariti u xkitti biex jaqbd u l-lingwata komuni fid-diviżjonijiet VIIId, VIIe, VIIf u VIIG tal-ICES, hija bbażata fuq il-fatt li huwa diffiċli ħafna li tiżdied is-selettività. L-STECF ikkonkluda li l-eżenzjoni hija definita b'mod tajjeb. Għalhekk, jenħtieġ li dik l-eżenzjoni tiġi inkluża fil-pjan għall-iskartar għall-2018.
- (19) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament Delegat (UE) 2016/2375 huwa limitat għas-sena 2017. Għalhekk jenħtieġ li dak ir-Regolament jitħassar u jiġi sostitwit b'Regolament ġdid b'effett mill-1 ta' Jannar 2018.
- (20) Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament iħallu impatt dirett fuq l-ippjanar tal-istaġun tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni u fuq l-attivitajiet ekonomiċi relatati, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ immedjatament wara l-pubblikazzjoni tiegħu. Jenħtieġ li japplika mill-1 ta' Jannar 2018,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art

Fiż-żoni V (esklużi Va u l-ilmijiet tal-Unjoni biss ta' Vb), VI u VII tal-ICES, l-obbligu ta' ħatt l-art previst fl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandu japplika għal sajd demersali u fil-baħar fond skont dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Il-“Pannell Fjamming” tfisser l-aħħar parti li ġeja għad-djieq ta' xibka tat-tkarkir bi travu, li l-parti ta' quddiem tagħha hija direttament imwahnha mal-manka. Il-partijiet ta' fuq u ta' taħt tax-xibka tal-pannell iridu jkun magħmula minn malja ta' mill-inqas 120 mm imkejla bejn l-għoqjedi u l-pannell irid ikollu tul imġebbed ta' mill-inqas 3 m.

Artikolu 3

Speċijiet soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art

L-obbligu ta' ħatt l-art għandu japplika għal kull attività tas-sajd kif stabbilit fl-Anness, soġġett għall-eżenzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 4 u 5.

Artikolu 4

Eżenzjoni ta' sopravivenza

- L-eżenzjoni ta' sopravivenza prevista fl-Artikolu 15(4)(b) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013 għandha tapplika:
 - għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*) maqbud f'nases, fi xbieki tat-tidwir jew f'nases tal-gambli (Kodiċijiet tal-irkaptu ⁽¹⁾ FPO u FIX) fis-subżoni VI u VII tal-ICES;
 - għall-qabdiet tal-lingwata komuni (*Solea solea*) taħt id-daqs minimu ta' referenza għall-konservazzjoni maqbudin bi xbieki tat-tkarkir bid-diriġenti (Kodiċijiet tal-irkaptu OTT, OTB, TBS, TBN, TB, PTB, OT, PT, TX) bid-daqs tal-malja tal-manka ta' bejn 80 u 99 mm fid-diviżjoni VIIId tal-ICES sa sitt mili nawtiċi mill-kosta u barra ż-żoni tat-tkabbir identifikati fl-operazzjonijiet tas-sajd li jissodisfaw il-kundizzjonijiet li ġejjin: bastimenti tat-tul massimu ta' 10 metri, b'qawwa massima tal-magna ta' 221 kW, meta jkun qed jistadu filmijiet b'fond ta' 30 metru jew inqas u b'ħinijiet ta' rmunkar limitati għal mhux aktar minn siegħa u nofs. Qabdiet bħal dawn tal-lingwata komuni għandhom jiġu rilaxxati minnufih.

⁽¹⁾ Il-kodiċijiet tal-irkaptu użati f'dan ir-Regolament huma definiti mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agricoltura tan-Nazzjonijiet Uniti.

2. Qabel l-1 ta' Mejju 2018, l-Istati Membri li għandhom interess ta' ġestjoni dirett fl-ilmijiet tal-Majjistral għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni kull informazzjoni xjentifika addizzjonali favur l-eżenzjoni stipulata fil-paragrafu 1(b). Il-Kumitat Xjentifiku, Tekniku u Ekonomiku għas-Sajd (STECF) għandu jivvaluta dik l-informazzjoni qabel l-1 ta' Settembru 2018.

Artikolu 5

Eżenzjonijiet de minimis

B'deroga mill-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) Nru 1380/2013, jistgħu jiġu skartati l-kwantitatijiet li ġejjin

- (a) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa massimu ta' 6 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi bil-bastimenti obbligati li jħottu l-merlangu u li jużaw xbieki tat-tkarkir u tartaruni ta' inqas minn 100 mm (OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, TB, SX, SV, OT, PT u TX) u xbieki tat-tkarkir pelaġiku (OTM, PTM) biex jinqabad il-merlangu fid-diviżjonijiet VII d u VII e tal-ICES.
- (b) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa massimu ta' 6 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi bil-bastimenti obbligati li jħottu l-merlangu u li jużaw xbieki tat-tkarkir u tartaruni ta' mhux inqas minn 100 mm (OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, TB, SX, SV, OT, PT u TX) u xbieki tat-tkarkir pelaġiku (OTM, PTM) biex jinqabad il-merlangu fid-diviżjonijiet VII b – VII j tal-ICES.
- (c) għall-merlangu (*Merlangius merlangus*), sa massimu ta' 6 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi bil-bastimenti obbligati li jħottu l-merlangu u li jużaw xbieki tat-tkarkir u tartaruni ta' inqas minn 100 mm (OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, TB, SX, SV, OT, PT u TX) u xbieki tat-tkarkir pelaġiku (OTM, PTM) biex jinqabad il-merlangu fis-subżona VII tal-ICES, għajr id-diviżjonijiet VII a, VII d u VII e.
- (d) għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*), sa massimu ta' 6 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi bil-bastimenti obbligati li jħottu l-iskampu u li qed jistadu għall-iskampu fis-subżona VII tal-ICES;
- (e) għall-iskampu (*Nephrops norvegicus*), sa massimu ta' 2 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi bil-bastimenti obbligati li jħottu l-iskampu u li qed jistadu għall-iskampu fis-subżona VI tal-ICES;
- (f) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 3 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi bil-bastimenti obbligati li jħottu l-lingwata komuni u li jużaw pariti u xkitti biex jaqbd u l-lingwata komuni fid-diviżjonijiet VII d, VII e, VII f u VII g tal-ICES;
- (g) għal-lingwata komuni (*Solea solea*), sa massimu ta' 3 % tat-total tal-qabdiet annwali ta' dik l-ispeċi bil-bastimenti obbligati li jħottu l-lingwata komuni u li jużaw xbieki tat-tkarkir bi travu b'daqs tat-toqob ta' bejn 80 u 199 mm b'selettività miżjuda, b'hal estensjoni ta' malja wiesgħa, fid-diviżjonijiet VII d, VII e, VII f, VII g u VII h tal-ICES.

Artikolu 6

Bastimenti soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art

1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw, skont il-kriterji stipulati fl-Anness, il-bastimenti soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'kull attività tas-sajd partikolari.

Il-bastimenti li kienu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'ċerti attivitajiet ta' sajd fl-2017 għandhom jibqgħu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'dik l-attività tas-sajd.

2. Qabel il-31 ta' Diċembru 2017, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn, permezz tas-sit web sigur ta' kontroll tal-Unjoni, il-listi ta' bastimenti stabbiliti skont il-paragrafu 1 għal kull attività tas-sajd partikolari stipulata fl-Anness. Dawn il-listi għandhom jinżammu aġġornati.

Artikolu 7

Tħassir

Ir-Regolament Delegat (UE) 2016/2375 huwa imħassar.

*Artikolu 8***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2018.

Madanakollu, l-Artikolu 6 għandu japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Ottubru 2017.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

ANNEX

Sajd soġġett għall-obbligu ta' ħatt l-art

a) Is-sajd fl-Unjoni u fl-ilmijiet internazzjonali tas-subżona VI u tad-diviżjoni Vb tal-ICES

Sajd	Kodiċi tal-Irkaptu	Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd	Daqs tal-Malja	Speċijiet li jridu jinħattu
Bakkaljaw (<i>Gadus morhua</i>), Merluzz tal-linja sewda (<i>Melanogrammus aeglefinus</i>), Merlangu (<i>Merlangius merlangus</i>) u Pollakkju iswed (<i>Pollachius virens</i>)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, OTM, PTM, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-Tkarkir u Tartaruni	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-merluzz tal-linja sewda u l-qabdiet aċċessorji tal-lingwata, il-barbun tat-tbajja' u l-megrim fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2015 u fl-2016 (*) kien jikkonsisti f'faktar minn 5 % tal-gadojdi li ġejjin: bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu u pollakkju iswed flimkien
Skampu (<i>Nephrops norvegicus</i>)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, FPO, TBN, TB, TBS, OTM, PTM, SX, SV, FIX, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir, Tartaruni, Nases, Xbieki tat-tidwir u Nases tal-gambli	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-iskampu u l-qabdiet aċċessorji tal-merluzz tal-linja sewda, il-lingwata, il-barbun tat-tbajja' u l-megrim fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2015 u fl-2016 (*) kien jikkonsisti f'faktar minn 5 % skampu.
Pollakkju iswed (<i>Pollachius virens</i>)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, OTM, PTM, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir	≥ 100 mm	Il-qabdiet kollha tal-pollakkju iswed fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2015 u fl-2016 (*) kien jikkonsisti f'faktar minn 50 % pollakkju iswed.
Ċinturin iswed (<i>Aphanopus carbo</i>)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, OTM, PTM, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-Tkarkir u Tartaruni	≥ 100 mm	Il-qabdiet kollha taċ-ċinturin iswed fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2015 u fl-2016 (*) kien jikkonsisti f'faktar minn 20 % ċinturin iswed.
Linarda (<i>Molva dypterygia</i>)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, OTM, PTM, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-Tkarkir u Tartaruni	≥ 100 mm	Il-qabdiet kollha tal-linarda fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2015 u fl-2016 (*) kien jikkonsisti f'faktar minn 20 % linarda.
Grenadieri (<i>Coryphaeides rupestris</i> , <i>Macrourus berglax</i>)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, OTM, PTM, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-Tkarkir u Tartaruni	≥ 100 mm	Il-qabdiet kollha tal-grenadieri fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2015 u fl-2016 (*) kien jikkonsisti f'faktar minn 20 % grenadieri.

(*) Il-bastimenti elenkati bħala soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'din l-attività tas-sajd skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2375 għandhom jibqgħu fil-lista indikata fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament minkejja l-bidla fil-perjodu ta' referenza u jibqgħu jkun soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'din l-attività tas-sajd.

b) Is-sajd fis-subżoni VI u VII tal-ICES u fl-ilmijiet tal-Unjoni u dawk internazzjonali tad-diviżjoni Vb tal-ICES

Sajd	Kodiċi tal-Irkaptu	Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd	Daqs tal-Malja	Speċijiet li jridu jinħattu
Merluzz (<i>Merluccius merluccius</i>)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, OTM, PTM, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-Tkarkir u Tartaruni	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-merluzz fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2015 u fl-2016 (*) kien jikkonsisti f'faktar minn 10 % merluzz.

Sajd	Kodiċi tal-Irkaptu	Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd	Daqs tal-Malja	Speċijiet li jridu jinħattu
Merluzz (<i>Merluccius merluccius</i>)	GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN	Ix-Xkitt kollu	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-merluzz
Merluzz (<i>Merluccius merluccius</i>)	LL, LLS, LLD, LX, LTL, LHP, LHM	Il-konzijiet kollha	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-merluzz

(*) Il-bastimenti elenkati bħala soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'din l-attività tas-sajd skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2375 għandhom jibqgħu fil-lista indikata fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament minkejja l-bidla fil-perjodu ta' referenza u jibqgħu jkunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'din l-attività tas-sajd.

c) Is-sajd fis-subżona VII tal-ICES

Sajd	Kodiċi tal-Irkaptu	Deskrizzjoni tal-irkaptu tas-sajd	Daqs tal-Malja	Speċijiet li jridu jinħattu
Skampu (<i>Nephrops norvegicus</i>)	OTB SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, FPO, TBN, TB, TBS, OTM, PTM, SX, SV, FIX, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir, Tartaruni, Nases, Xbieki tat-tidwir u Nases tal- gambli	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-iskampu fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2015 u fl-2016 (*) kien jikkonsisti f'aktar minn 10 % skampu
Pollakkju iswed (<i>Pollachius virens</i>)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, OTM, PTM, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir	≥ 100 mm	Il-qabdiet kollha tal-pollakkju iswed fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2015 u fl-2016 (*) kien jikkonsisti f'aktar minn 50 % pollakkju iswed.

(*) Il-bastimenti elenkati bħala soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'din l-attività tas-sajd skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2375 għandhom jibqgħu fil-lista indikata fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament minkejja l-bidla fil-perjodu ta' referenza u jibqgħu jkunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'din l-attività tas-sajd.

d) Is-sajd fid-diviżjoni VIIa tal-ICES

Sajd	Kodiċi tal-Irkaptu	Irkaptu tas-sajd	Daqs tal-Malja	Speċijiet li jridu jinħattu
Bakkaljaw (<i>Gadus morhua</i>), Merluzz tal-linja sewda (<i>Melanogrammus aeglefinus</i>), Merlangu (<i>Merlangius merlangus</i>) u Pollakkju iswed (<i>Pollachius virens</i>)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, OTM, PTM, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-Tkarkir u Tartaruni	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-merluzz tal-linja sewda fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2015 u fl-2016 (*) kien jikkonsisti f'aktar minn 10 % tal-gadojdi li ġejjin: bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu u pollakkju iswed flimkien

(*) Il-bastimenti elenkati bħala soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'din l-attività tas-sajd skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2375 għandhom jibqgħu fil-lista indikata fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament minkejja l-bidla fil-perjodu ta' referenza u jibqgħu jkunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'din l-attività tas-sajd.

e) Is-sajd fid-diviżjoni VIIb tal-ICES

Sajd	Kodiċi tal-Irkaptu	Irkaptu tas-sajd	Daqs tal-Malja	Speċijiet li jridu jinħattu
Lingwata komuni (<i>Solea solea</i>)	Xbieki tat-tkarkir bi travu	Ix-Xbieki Kollha tat-tkarkir bi travu	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni
Lingwata komuni (<i>Solea solea</i>)	OTT, OTB, TBS, TBN, TB, PTB, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir	< 100 mm	Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni

Sajd	Kodiċi tal-Irkaptu	Irkaptu tas-sajd	Daqs tal-Malja	Speċijiet li jridu jinħattu
Lingwata komuni (<i>Solea solea</i>)	GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN	Ix-Xbieki Kollha tal-Pariti u x-Xkitti	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni
Bakkaljaw (<i>Gadus morhua</i>), Merluzz tal-linja sewda (<i>Melanogrammus aeglefinus</i>), Merlangu (<i>Merlangius merlangus</i>) u Pollakkju iswed (<i>Pollachius virens</i>)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, OTM, PTM, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-tkarkir u Tartaruni	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-merlangu fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2015 u fl-2016 (*) kien jikkonsisti f'aktar minn 10 % tal-gadojdi li ġejjin: bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu u pollakkju iswed flimkien

(*) Il-bastimenti elenkati bħala soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'din l-attività tas-sajd skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2375 għandhom jibqgħu fil-lista indikata fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament minkejja l-bidla fil-perjodu ta' referenza u jibqgħu jkunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'din l-attività tas-sajd.

f) Is-sajd fid-diviżjoni VIIe tal-ICES

Sajd	Kodiċi tal-Irkaptu	Irkaptu tas-sajd	Daqs tal-Malja	Speċijiet li jridu jinħattu
Lingwata komuni (<i>Solea solea</i>)	Xbieki tat-tkarkir bi travu	Ix-xbieki kollha tat-tkarkir bi travu	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni
Lingwata komuni (<i>Solea solea</i>)	GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN	Ix-Xbieki Kollha tal-Pariti u x-Xkitti	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni

g) Is-sajd fid-diviżjonijiet VII d u VII e tal-ICES

Sajd	Kodiċi tal-Irkaptu	Irkaptu tas-sajd	Daqs tal-Malja	Speċijiet li jridu jinħattu
Pollakkju (<i>Pollachius pollachius</i>)	GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN	Ix-Xbieki Kollha tal-Pariti u x-Xkitti	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-pollakkju

h) Is-sajd fid-diviżjonijiet VII b, VII c u VIII – VII k tal-ICES

Sajd	Kodiċi tal-Irkaptu	Irkaptu tas-sajd	Daqs tal-Malja	Speċijiet li jridu jinħattu
Lingwata komuni (<i>Solea solea</i>)	Xbieki tat-tkarkir bi travu	Ix-Xbieki Kollha tat-tkarkir bi travu	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni
Lingwata komuni (<i>Solea solea</i>)	GNS, GN, GND, GNC, GTN, GTR, GEN	Ix-Xbieki Kollha tal-Pariti u x-Xkitti	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-lingwata komuni

i) Is-sajd fid-diviżjonijiet VII b, VII c, VII e u VIII – VII k tal-ICES

Sajd	Kodiċi tal-Irkaptu	Irkaptu tas-sajd	Daqs tal-Malja	Speċijiet li jridu jinħattu
Bakkaljaw (<i>Gadus morhua</i>), Merluzz tal-linja sewda (<i>Melanogrammus aeglefinus</i>), Merlangu (<i>Merlangius merlangus</i>) u Pollakkju iswed (<i>Pollachius virens</i>)	OTB, SSC, OTT, PTB, SDN, SPR, TBN, TBS, OTM, PTM, TB, SX, SV, OT, PT, TX	Xbieki tat-Tkarkir u Tartaruni	Kollha	Il-qabdiet kollha tal-merlangu fejn il-ħatt l-art totali għal kull bastiment tal-ispeċijiet kollha fl-2015 u fl-2016 (*) kien jikkonsisti f'aktar minn 10 % tal-gadojdi li ġejjin: bakkaljaw, merluzz tal-linja sewda, merlangu u pollakkju iswed flimkien.

(*) Il-bastimenti elenkati bħala soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'din l-attività tas-sajd skont ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/2375 għandhom jibqgħu fil-lista indikata fl-Artikolu 4 ta' dan ir-Regolament minkejja l-bidla fil-perjodu ta' referenza u jibqgħu jkunu soġġetti għall-obbligu ta' ħatt l-art f'din l-attività tas-sajd.